' TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

' CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Reuben Mallia

vs

David Farrugia - Farell Bathrooms

CCT 55/21/MS

9 ta' Frar 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-25 ta' Marzu 2021 fejn talab ir-rifuzjoni ta' elf mitejn u tnejn u sebghin Euro (€1,272.00), prezz ta' apparat ghal zewg kmamar tal-banju mixtrija mill-azjenda intimata fis-sena 2016, liema apparat zviluppaw hsarat fil-perjodu tal-garanzija.

Ra illi l-intimat, debitament notifikat, m'ghamilx risposta, izda deher quddiem it-Tribunal u ta x-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi u mhux kontest illi f'Marzu 2016, ir-rikorrent xtara zewg kmamar tal-banju kompluti minghand l-intimat/ l-azjenda intimata ghal prezz totali ta' tmint elef Euro. Peress illi l-post tieghu kienu ghadu *shell*, dawn ma gewx installati qabel is-sena 2019, meta r-rikorrent beda juzahom. Wara sena u nofs, zewg "shut-off" jets bdew joqtru b'mod kontinwu tant li r-rikorrent kellu jaghmel xugaman taht il-jet. Ir-rikorrent qal ukoll illi z-zewg cappetti tax-shower tal-chrome tqaxxru u spjega li hu kien emfasizza mal-intimat illi xtaq jixtri oggetti tal-kwalita' tajba, u li l-intimat kien serrahlu rasu bil-garanzija ta' ghaxar snin. Indika diversi oggetti li kienu tqaxxru jew issaddu u esebixxa diversi dokumenti. (Dok A, B, C, D, F). Spjega illi pprova jkellem lill-intimat qabel ma fetah il-kaz u li l-ilmenti kollha jammontaw flimkien ghal €1,272.00.

Illi ghalkemm ir-rikorrent m'ghamilx risposta, deher quddiem dan it-Tribunal u ta x-xhieda tieghu. L-intimat ikkonferma illi huwa kien lest li jaghmel replacement 'free of charge' tax-shut off u l-mixer li kien qed iqattar. Pero' fuq l-affarijiet ohra, l-intimat wehel fil-prodotti aggressivi uzati u qal illi l-garanzija hija ta' sentejn fuq il-prodotti kollha.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-Talba, ir-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas ta' l-ammont ta' €1,272, rappreżentanti prezz ta' accessorji mixtrija minghand l-azjenda intimata/ intimat, liema accessorji zviluppaw hsarat fil-perjodu tal-garanzija.

Illi t-Tribunal ra l-korrispondenza kollha esebita bejn ir-rikorrent, l-Ghaqda tal-Konsumaturi u anke mill-intimat. Jidher illi r-rikorrent kien baqa' sal-ahhar jipprova jilhaq xi tip ta' soluzzjoni biex l-affarijiet jittrangaw izda bla ebda success. (Ara l-emails 29 ta' Mejju, 6 ta' Gunju, 27 ta' Gunju, 19 ta' Lulju 2020 u anke sahansitra 26 ta' Far 2021.

It-Tribunal ra ukoll l-email mibghut mill-intimat lill-Ghaqda tal-Konsumaturi fil-25 ta' Awwissu 2020, fejn l-intimat jikkonfferma illi huwa kien lest li jikkonsenja (minghajr hlas) shut off jets u cartridge tal-basin mixer. Illi ghalhekk jidher illi l-intimat kien qed jammetti u jaccetta illi jaghmel tajjeb ghall-parti tat-talba. Fuq il-parti l-ohra, pero', jghid illi l-garanzija kienet biss ta' sentejn u jghid ukoll illi l-hsarat gew ikkagunati minhabba prodotti uzati. Bir-rispett kollu, dan ma giex ippruvat. Anzi jidher car illi l-garanzija kienet ta' ghaxar snin, u mhux ta' sentejn. (Ara Dok B esebit).

Fic-cirkostanzi u anke in vista tat-trapass ta' zmien, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent huwa gustifikat illi ma jaccettax *replacement* ta' dawn l-accessorji, iktar u iktar in vista ta' dak miktub mill-intimat lill-Ghaqda tal-Konsumaturi, u cjoe' li ma setax joffri ebda garanziji illi ma jkunx hemm leak fil-futur.

It-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu skond il-ligi u li t-talba tieghu timmerita tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna lill-intimat/ azjenda intimata thallsu s-somma ta' elf mitejn u tnejn u sebghin Euro (€1,272.00), bi dritt illi l-intimat jiehu lura l-oggetti difettuzi wara li jsir il-hlas. Spejjez a karigu tal-intimat.

Michela Spiteri Av.
Arbitru